# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 769/09/1 AE**

**Caroline Farrugia**

**v.**

**Dr. Anthony Philip Farrugia, Dr. Christian Farrugia u Dr. Anthony Philip Farrugia biex jirrappreżenta lill-assenti Nicolette Amato Gauci**

**Il-Qorti:**

1. Permezz ta' din il-kawża, l-attriċi, it-tieni mara tad-*decujus,* qiegħda titlob l-immissjoni fil-pussess ta' legati mħollija lilha fit-testment ta' żewġha filwaqt li l-konvenuti, ulied żewġha mill-ewwel żwieġ tiegħu u werrieta testamentarji tiegħu, qegħdin jopponu għal din it-talba u jressqu

kontrotalba biex donazzjonijiet magħmulin minn missierhom lill-attriċi waqt il-konvivenza tagħhom qabel iż-żwieġ jiġu ddikjarati nulli.

**Il-fatti**

2. Il-fatti ewlenin li taw lok għal din il-kawża huma dawn:

(1) L-attriċi kienet miżżewġa lil Dr Anthony Farrugia li miet fil-21 ta' Marzu 2007. Qabel iżżewwġu kienu għamlu snin twal f'relazzjoni, li tmur lura għal waqt l-ewwel żwieġ tiegħu.

(2) Il-konvenuti huma wlied Dr. Anthony Farrugia mill-ewwel żwieġ tiegħu li kien ma' Amy Rose Farrugia, li mietet fis-sena 2000. Il-koppja sseparat *de facto*.

(3) Il-wirt ta' Dr. Anthony Farrugia hu regolat minn testment li għamel fit-3 ta' Ottubru 2005 u pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Rachel Busuttil, li bih fost affarijiet oħra: (a) Innomina lill-konvenuti wliedu bħala werrieta tiegħu. (b) Ħalla legat lill-attriċi tas-segwenti:

i. Id-dritt ta' abitazzjoni tad-dar magħrufa bl-isem *Villa Thistle*, fi Triq l-Insolja kantuniera ma' Triq l-Inbid f'Ħ'Attard u wara l-mewt tal-attriċi, lil bintha biss u esklussivament. It-testatur iddikjara illi huwa kien jaf

illi dawn l-imobbli kienu jappartienu lill-kommunjoni ta' l-akkwisti ġia eżistenti bejnu u bejn il-mejta Amy Rose Farrugia u li llum jappartjenu lilu u lit-tlett itfal tiegħu Anthony, Christian u Nicolette bħala l-eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia.

ii. Is-somma ta' Lm50,000 ekwivalenti għal €116,468.67 fi flus kontanti.

iii. Id-dritt ta' użufrutt tal-mobbli kollha salv dawk l-oġġetti li huma tal-attriċi stess jew li nxtraw bi flusha, li jinstabu fid-dar ta' Ħ'Attard fuq imsemmija u salv oġġetti tad-deheb personali li jappartjenu lit-testatur u tad-dokumenti jew titolu rappreżentanti flus f'isem it-testatur. It-testatur ta l-fakultà lill-attriċi illi f'każ ta' bżonn, tkun tista' tbiegħ minn dawn l-istess mobbli bla ebda permess ta' bint l-attriċi Chiara jew tal-Qorti. It-testatur iddikjara li huwa kien jaf illi dawn il-mobbli jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejnu u bejn il-mejta Amy Rose Farrugia u li llum jappartjenu wkoll lit-tlett uliedu. B'dan kollu t-testatur xorta ried iħalli l-użufrutt ta' l-istess mobbli lill-attriċi.

iv. Il-proprjetà sħiħa tal-*Life Policy Clerical Medical – Channel Island (Policy Number* B01024478, liema *life policy* qed jassikura il-ħajja ta' missierhom, liema assikurazzjoni hija ta' natura 'decreasing term

assurance'). It-testatur iddikjara illi huwa jaf illi din il-*policy* kienet tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti ġia eżistenti bejnu u bejn il-mejta Emily *sive* Amy Rose Farrugia u li llum tappartjeni lilu u lit-tlett uliedu Anthony, Christian u Nicolette bħala l-eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia.

**It-tilwima**

3. Permezz tar-Risposta Ġuramentata tagħhom, il-konvenuti wieġbu li:

(1) Il-legat ta' €116,468.67 ma jiswiex billi kien jikkostitwixxi, *in kwantu* għas-sehem ta' nofs indiviz appartenenti lill-esponenti, *legato di cosa altrui* iżda fit-testment m'hemmx id-dikjarazzjoni meħtieġa *ad validitatem* mill-Art. 696 tal-Kodiċi Ċivili fis-sens li "it-testatur kien jaf li l-ħaġa kienet ta' ħaddieħor u mhux tiegħu".

(2) Il-legati l-oħra jikkostitwixxu, in kwantu għas-sehem ta' nofs indiviż appartenenti lill-esponenti, *legato di cosa altrui* u għalhekk l-esponenti għandhom id-dritt ta' għażla kkontemplat fl-Art. 696 tal-Kodiċi Ċivili. L-esponenti qed jagħżlu li jħallsu lill-attriċi l-valur ġust tagħhom.

(3) L-ammonti talvolta dovuti mill-esponenti għandhom jiġu paċuti ma' ammonti dovuti lill-esponenti li l-attriċi irċeviet taħt kawża illeċita jew

altrimenti kienu jikkostitwixxu donazzjonijiet nulli. Billi jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-Art. 396 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex issir talba rikonvenzjonali, l-esponenti kienu sejrin jagħmlu talbiet rikonvenzjonali.

4. *In via* rikonvenzjonali, l-konvenuti talbu lill-Qorti sabiex:

(1) Tiddikjara illi bejn l-attriċi u missierhom kien hemm relazzjoni illeċità.

(2) Tiddikjara n-nullità tad-donazzjonijiet kollha magħmula fil-kors tal-imsemmija relazzjoni minn missierhom lill-attriċi ta' diversi somom ta' flus u oġġetti oħra formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnu u martu Amy Rose Farrugia jew li kienu altrimenti, wara l-mewt tal-istess Amy Rose Farrugia, komproprjetà tal-esponenti u missierhom għaliex (a) kienu affetti minn kawża illeċita li tmur kontra l-ordni pubbliku, u/jew (b) ma sarux b'att pubbliku.

(3) Tillikwida l-ammont ta' dawn id-donazzjonijiet.

(4) Tikkundanna lill-attriċi għall-ħlas tagħhom u

(5) Tirritorna l-oġġetti donati li kienu għadhom fil-pussess tagħha.

**Deċiżjoni tal-Ewwel Qorti**

5. B’sentenza tagħha tat-2 ta’ Mejju 2016 l-Ewwel Qorti:

(1) Ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

(2) Laqgħet it-talbiet kollha tal-attriċi u għalhekk ikkundannat lill-konvenuti sabiex jimmettuha fil-pussess tal-legati salv kull provvediment ieħor li għad jista’ jkun hemm ħtieġa li jingħata għall-finijiet ta’ eżekuzzjoni tas-sentenza.

(3) Fir-rigward tar-rikonvenzjoni:

i. Ċaħdet l-ewwel u tieni eċċezzjoni tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

ii. Ċaħdet it-talbiet tal-konvenuti.

Spejjez a karigu tal-konvenuti, u bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat.

6. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza b’għadd ta’ aggravji li mhumiex enumerati u f’xi partijiet huma redatti b’mod konfuż. Din il-Qorti sejra

tagħmel ħilitha biex tagħżilhom minn xulxin b'mod loġiku fl-istess ordni li fih ingħataw.

**L-Aggravji**

7. **L-ewwel aggravju** hu dwar l-ewwel eċċezzjoni. Il-konvenuti jsostnu li l-legat għas-somma ta' €116,468.67 ma jiswiex għaliex ma saritx id-dikjarazzjoni li skont il-liġi għandha ssir fil-każ ta' *legato di cosa altrui*.

8. Isostnu li l-Ewwel Qorti applikat ħażin l-Art. 696 tal-Kodiċi Ċivili billi naqset li tagħraf l-applikazzjoni tal-Art. 697 tal-istess kodiċi.

9. L-Art. 697 jgħid li anke ħaġa li tkun tal-werriet titqies li hija ħaġa ta' ħaddieħor. Din il-Qorti ma taqbilx li l-Ewwel Qorti injorat dan l-Artiklu. Tant li rraġunat li dawn il-flus ma kinux tal-werrieta:

> "Il-legat ta' €116,468.67 m'humiex flus ta' ħaddieħor u għalhekk l-Artikolu 696 ma japplikax. Il-fatt li t-testatur kien miżżewweġ lil omm il-konvenuti, ma jfissirx li b'dak il-legat ħalla lill-attriċi flus li kienu tal-werrieta tal-ewwel mara tiegħu. It-testatur kellu l-patrimonju tiegħu, u kellu kull dritt li jiddisponi minnu kif ried hu. Bis-saħħa ta' dik id-dispożizzjoni, il-konvenuti bħala werrieta ta' missierhom huma debituri tal-attriċi fis-somma ta' €116,468.67, irrispettivament jekk fil-patrimonju tiegħu kienx hemm dik is-somma flus. Qiegħed jingħad hekk għaliex mill-provi ma rriżultax li l-konvenuti aċċettaw il-wirt ta' missierhom bil-benefiċċju tal-inventarju."

10. Din il-Qorti żżid tgħid li l-legat ta' flus *de quo* huwa legat ta' ħaġa mobbli mhux determinata. Japplika għalih ukoll l-Art. 699 tal-Kodiċi Ċivili:

> "Il-legat ta' ħaġa mobbli mhux determinata, li taqa' taħt ġens jew speċi, huwa validu għad li ebda ħaġa ta' dak il-ġens jew ta' dik l-ispeċi ma jkun hemm fost il-ġid tat-testatur fi żmien it- testment, jew ma jinsab li hemm fi żmien il-mewt tiegħu."

11. Fil-*Codice Civile* Taljan tal-1942 hemm dispożizzjoni li tixxiebaħ:

> *"653 E` valido il legato di cosa determinata solo nel genere, anche se nessuna del genere ve n'era nel patrimonio del testatore al tempo del testamento e nessuna se ne trova al tempo della morte."*

12. Skont kittieba awtorevoli, din in-norma tfisser li:

> *"Il legato di cose generiche* – legatum generis – *avente ad oġġetto non gia` un bene, o un diritto, specificamente determinato, bensi` una cosa presa in considerazione per la sua appartenenza ad un genus ( denaro, derrate, autoveicoli, ecc.), ed individuabile successivamente – rientra, per questa ragione, fra i legati obbligatorii, in quanto non e` immediatamente traslativo di un diritto ereditario. Esso conferisce, invero, al legatario, il diritto di credito ad una determinata prestazione, da far valere nei confronti dell'onerato. Precisamente: il diritto a ricevere, da codesto soġġetto, una prestazione di beni corrispondenti, per quantita` e qualita`, alle indicazioni del testatore.[1]"*

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-legat ta' somma flus in kwistjoni jaqa' taħt id-dispożizzjonijiet tal-Art. 699. Joħloq kreditu favur l-attriċi li l-konvenuti, bħala werrieta universali, huma marbutin li jħallsu, jekk hemm bżonn minn buthom. Dan għaliex mhuwiex legat ta' ħaġa – partikolari jew ta' ċertu ġens jew ta' ċerta speċi – li t-testatur ħalla **bħala tiegħu nnifsu**, kif dispost fl-Art. 700.

14. Dan l-aggravju ma jiswiex.

---

[1] *Codice Commentato delle Successioni e Donazioni* – Giovanni Bonilini u Massimo Confortini 2a ediz. (2011) paġna 789.

**It-tieni aggravju.**

15. B'espożizzjoni tal-ewwel aggravju, l-appellanti jkomplu jgħidu li "dan (il-fatt li l-Ewwel Qorti ma tatx każ tal-Art. 697) kien ifisser li l-esponenti ukoll jekk dak imħolli b'legat huwa fil-patrimonju tagħhom, għandhom id-dritt li jagħżlu li jikkumpensaw il-legatarju minflok li jgħaddu l-oġġett a favur il-legatarju".

16. Din hija espożizzjoni konfuża tal-aggravji. Jidher li hawn qegħdin jirreferu għal **parti oħra** tal-Art. 696 – id-dritt tal-għażla – li huwa suġġett tat-tieni eċċezzjoni tagħhom (li tolqot il-legati l-oħrajn apparti l-legat tas-somma flus) u mhux tal-ewwel eċċezzjoni, li tirrigwarda somma flus u allura ma tqajjem l-ebda kwistjoni ta' għażla tal-forma li fiha għandu jingħata l-legat. Dwar it-tieni eċċezzjoni, l-Ewwel Qorti rraġunat hekk:

> "Fil-fehma tal-qorti, l-għażla li l-konvenuti jippretendu li għandhom bis-saħħa tal-Art. 696 tal-Kodiċi Ċivili, ma tapplikax. Dak il-provvediment għandu japplika meta l-ħaġa tkun tappartjeni lil terza persuna u l-werrieta jkollhom jakkwistawha mingħand terza persuna sabiex jimmettu lill-legatarju fil- pussess tal-oġġett imħolli b'legat. F'dik l-eventwalita` l-liġi tagħti l-jedd lill- werrieta li jew jakkwistaw l-oġġett mingħand it-terz jew li jħallsu l-valur tal- oġġett lill-legatarju. L-għażla qegħda f'idejn il-werrieta.
>
> Fil-każ tallum nofs id-dar kienet diga` tappartjeni lill-konvenuti bħala werrieta ta' ommhom. Għalhekk m'hemmx ħtieġa li l-oġġett jakkwistawh mingħand terza persuna, għaliex fid-data tal-mewt tat-testatur in-nofs indiviz kien diga` proprjeta tal-werrieta tiegħu. M'hemmx prova li dak is-sehem m'għadux proprjetà tal-konvenuta. Bhala werrieta ta' missierhom li aċċettaw il-wirt ta' missierhom, għandhom obbligu li jwettqu r-rieda ta' missierhom. L-istess

raġunament japplika fir-rigward tal-oġġetti l-oħra."

17. L-appellanti ma jġibu l-ebda raġuni l-għala dan ir-raġunament tal-Ewwel Qorti huwa żbaljat. It-test tal-liġi huwa ċar u l-Ewwel Qorti fehmitu sewwa, u applikatu b'mod tajjeb għall-fatti tal-każ.

18. Dan l-aggravju ukoll mhuwiex qiegħed jiġi milqugħ.

**It-tielet aggravju**

19. It-tielet ilment tal-appellanti hu li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-mezzi tad-*decujus* kienu tant sostanzjali li rigali ta' entità inġenti ma kinux jinħtieġu att pubbliku, imbagħad ħasset li ma kellhiex biżżejjed provi dwar l-entità tar-rigali. Isostnu li messha llikwidat *arbitrio boni viri*.

20. Il-partijiet rilevanti mir-raġunament tal-Qorti rilevanti għal dan l-aggravju kienu dawn:

"5. Fil-mertu il-konvenuti pprezentaw lista li qalu li m'hijiex eżawrjenti (fol. 404) tal-oġġetti kollha li missierhom ta lill-attriċi. Il-konvenuti taw stima li d- donazzjonijiet jiswew madwar €600,000. L-attriċi kkontestat din ic-cifra u ssostni li b'kollox ma ngħatatx iktar minn €20,000 sa €25,000. Fir-rigward tal- prospett li ppreżentaw il-konvenuti, il-qorti tosserva:

i. Ma jagħti l-ebda tagħrif tal-perjodu meta nxtraw l-oġġetti.

ii. M'hemmx spjegazzjoni ta kif waslu għaċ-ċifri li jissemmew fid- dokument.

iii. Hemm oġġetti li jingħad li ngħataw lil Chiara, li hi bint l-attriċi.

Pero' f'din il-kawza bint l-attriċi m'hijiex parti.

iv. Tissemma per ezempju tie pin collection u mobbli fid-dar fejn Dr Farrugia kien igħix mal-attriċi. Pero' m'hemmx prova li dawn ingħataw lill-attriċi.

v. Tissemma wkoll "collection of paintings bougħt from Dame Tempra", li l-attriċi qalet li ma tafx biha.

Fic-cirkostanzi l-qorti zgur li ma tistax tagħti decizjoni a bazi ta' dan id-dokument li mhu xejn għajr opinjoni soġġettiva tal-konvenuti.

-omissis-

ii. Għal dak li jirrigwarda t-tezi li d-donazzjonijiet ma sarux b'att pubbliku u għaldaqstant huma nulli, l-Artikolu 1753 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:"(1) Id-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku." Nullità li hi tat-tip assolut.

Hu evidenti li r-rigali li Dr Farrugia ta lill-attriċi kienu fuq tul ta' tnejn u għoxrin (22) sena. Daqshekk l-attriċi qalet li damet ir-relazzjoni (fol. 441). Kull donazzjoni hi separata u distinta mid-donazzjoni li tkun saret qabel jew wara. Il-qorti ma taqbilx li dak li Dr Farrugia ta lill-attriċi matul hajtu, għandu jitqies bhala donazzjoni wahda. Mill-provi hu evidenti wkoll li Dr Farrugia kien finanzjarjament b'sahhtu, u l-qorti tasal biex tikkonkludi li kull darba li ta rigal lill-attriċi jista' jitqies ta' valur zgħir meqjus il-qagħda finanzjarja tiegħu u 'l fatt li kienu jgħixu bhala mara u ragel (Art. 1753(2) tal-Kodiċi Ċivili)."

21. Din il-Qorti ma tarax li hemm lok li tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti dwar l-entità tar-rigali mogħtija. Huwa fid-diskrezzjoni tal-ġudikant li jisma' l-provi, li jiżinhom u jislet il-konklużjonijiet tiegħu minnhom. Mhux funzjoni ta' din il-Qorti li tagħmel l-evaluwazzjoni tagħha mill-ġdid sakemm ma jirriżultalhiex li r-raġunament kien illoġiku jew manifestament żbaljat. B'mod partikolari, l-għażla jekk jagħmilx eżerċizzju *arbitrio boni viri* fin-nuqqas ta' provi suffiċjenti taqa' ċomb fid-diskrezzjoni tiegħu li m'għandhiex tiġi ddisturbata kif ġieb u laħaq. Fi kwalunkwe każ, l-entità tar-rigali mhuwiex rilevanti għall-eċċezzjoni *de*

*quo.* Fi kliem ieħor mhux rilevanti kienx hemm per eżempju għaxar jew tletin rigal. Li jgħodd hu jekk kienx hemm xi rigal individwali li kien ta' valur tali li kien jinħtieġ li jsir b'att pubbliku. Min-naħa l-oħra, l-entità tal-ġid tal-Avukat Anthony H. Farrugia ġiet ippruvata b'mod suffiċjenti biex tiġi mqabbla mal-valur ta' kull rigal partikolari li saret il-prova tiegħu, u biex iwassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonkludi li r-rigali kienu ta' valur żgħir meqjusa l-qagħda finanzjarja tiegħu.

**Ir-raba' aggravju**

22. Ir-raba' lment tal-appellanti hu li l-Ewwel Qorti qieset li l-illeċità tar-rapport extra-konjugali ġie ssanat biż-żwieġ. Il-pretensjoni tal-appellanti hi li ngħataw assi tal-komunjoni tal-akkwisti li minnhom ommhom, li tagħha huma werrieta, kellha sehem indiviż u dan mhuwiex fatt li seta' jiġi ssanat biż-żwieġ mal-attriċi.

23. Din id-doljanza tagħti interpretazzjoni novella tal-kunċett tal-illeċità. Permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħhom, huma jeċepixxu li d-donazzjonijiet għandhom jiġu paċuti mas-somma flus imħollija b'legat lill-attriċi minħabba li rċeviethom taħt kawża illeċita u minħabba li kienu nulli għaliex ma sarux b'att pubbliku. Ma jeċċepux li missierhom kien qiegħed jagħti d-donazzjonijiet b'ġid li nofsu kien jappartjeni lil ommhom. Imbagħad fil-kontrotalba tagħhom, għalkemm jagħmlu riferenza għall-

appartenenza lill-komunjoni tal-akkwisti, ma jagħmlu l-ebda talba għar-restituzzjoni tad-donazzjonijiet, ibbażata fuq din il-kawżali. Jitolbu dikjarazzjoni ta' nullità tad-donazzjonijiet biss minħabba kawża illeċita u n-nuqqas ta' att pubbliku. L-Ewwel Qorti kienet konxja ta' dan tant li kkummentat li:

> "Fir-rikonvenzjoni, il-konvenuti qegħdin jimpunjaw id-donazzjonijiet biss għar-raġuni li saru b'kawża illeċita għaliex magħmula f'perjodu meta Dr Farrugia kellu relazzjoni barra miż-żwieġ mal-attriċi u/jew għaliex ma sarux b'att pubbliku. Ir-rikonvenzjoni m'hijiex bażata fuq il-kawżali li Dr. Anthony Farrugia ta b'donazzjoni lill-attriċi oġġetti li kienu proprjetà tiegħu u ta' Amy Rose Farrugia. Dan kien argument li l-konvenuti ppropronew fin-nota ta' sottomissjonijiet, in kwantu argumentaw li Amy Rose Farrugia u huma bhala werrieta tagħha ma setgħux jiġu ppregudikati b'dak li għamel[2]. Il-qorti trid tiddeciedi dwar il-kawżali kif ġiet proposta fir-rikonvenzjoni u mhux fuq argument ġdid li sar fit-trattazzjoni."

24. La din id-doljanza ma nġibitx bħala eċċezzjoni quddiem l-Ewwel Qorti wisq inqas tista' titressaq bħala aggravju quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni.

### Il-Ħames aggravju

25. L-aħħar aggravju tal-appellanti hu li l-fatt li ma waqqfux lil missierhom mill-aġir tiegħu sa fejn jikkonċerna l-patrimonju tiegħu xejn ma jfisser li

---

[2] Il-konvenuti argumentaw: "L-esponenti, fil-kwalita' tagħhom ta' eredi ta' ommhom Amy Rose Farrugia, huma terzi estraneji għall-eventwali ratifika konsegwenti għaż-żwieġ bejn missierhom u l-attrici u bħala tali huma ma jistgħux jiġu preġudikati, sa fejn jirrigwarda s-sehem ta' ommhom mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u missierhom. Il-komunjoni ntemmet biss fis-sena 2000, mal-mewt ta' Amy Rose Farrugia. L-azzjoni għar-ripetizzjoni spettanti lil Amy Rose Farrugia intirtet mill-esponenti u tali azzjoni ma tistax tiġi pregudikata retroattivament biż-żwieġ bejn missierhom u l-attriċi."

approvaw tali aġir.  Isostnu li anzi ġie ppruvat proprju l-oppost.

26. L-Ewwel Qorti iżda qalet iktar minn hekk:

> "Jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jaqbel mat-teżi tal-konvenuti li d-donazzjonijiet kellhom *causa illecita* minħabba li Dr. Farrugia kien f'relazzjoni barra miż-żwieġ, il-konvenuti xorta m'għandhomx jedd li jitolbu lura r-rigali li Dr. Farrugia ta lill-attriċi. Fil-fatt l-Art. 991(1) jipprovdi:-
>
> (2) Jekk il-kawża hija illeċita għaż-żewġ partijiet, ebda waħda minnhom, jekk ma tkunx minuri, ma tista' titlob lura dak li tkun tat lill-oħra, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1716."
>
> -omissis-
>
> ii. F'kull każ fil-fehma tal-qorti, bħala werrieta ta' missierhom ma jistgħux iġibu fix-xejn dak li għamel missierhom volontarjament matul ħajtu, billi fejn jaqblilhom jilbsu l-kappell ta' werrieta ta' missierhom u fejn jaqblilhom jilbsu l-kappell ta' werrieta ta' ommhom. Il-konvenuti huma l-istess persuni. Ladarba aċċettaw il-wirt ta' missierhom iridu joqgħodu u jirrispettaw il-volontà u l-agir ta' missierhom, u bħala werrieta li aċċettaw il-wirt ma jistgħux jattakkaw jew jipprovaw iġibu fix-xejn dak li għamel matul hajtu."

27. L-aċċettazzjoni tal-wirt trid tkun pura u sempliċi, mingħajr ebda riżerva jew kundizzjoni.  Iġġib magħha t-trasferiment kemm tad-drittijiet kif ukoll tal-obbligazzjonijiet.  Kif  jgħid id-*Digesto Italiano*:

> *"L'accettazione deve essere pura e semplice (art. 929).  Non vi ha accettazione pura e semplice, quando accetti solo pro parte.*[3]
>
> *Acquistata l'eredita`, si confonde il patrimonio del defunto con quello dell'erede*.[4] Nihil aliud est ereditas quam successio in universum jus, quod defunctus  habuit*."*

28. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti, għandha d-dubji tagħha jekk ir-relazzjoni extra-konjugali tad-*decujus* kinitx tassew waħda illeċita,  *ossia*

[3] *Digesto Italiano* XXII Parte III paġna 389.
[4] Op.cit. paġna 390 para 11.

*contra bonos mores* – meta tqis il-bdil radikali fil-morali sesswali f'dawn l-aħħar snin, li jmorru lura qabel it-tibdil riċenti fil-liġijiet u jwasslu anke saż-żmien tar-relazzjoni *de quo* għaliex id-drawwiet ma nbidlux zopptu iżda nbidlu bil-mod il-mod żmien qabel ma nbidlet il-liġi.

29. B'danakollu, anke jekk ir-relazzjoni titqies illeċita, jibqa' l-fatt li d-*decujus* ma setax jattakka d-donazzjonijiet: *Nemo potest allegare propriam turpitudinem*. Dan huwa prinċipju tad-Dritt Ruman, li baqa' validu saż-żminijiet tal-lum:

> "*L'esempio datoci dalla giurisprudenza e` colpente. Al contatto della vita pratica, essa sente irresistibilmente sebbene inconsciamente l'urto che vi sarebbe nel prestare i mezzi legali a chi cinicamente confessando la propria turpitudine invoca l'aiuto della giustizia per riacquistare il prezzo del delitto.*[5]"

30. Mhux biss iżda: Dan id-divjet jestendi għall-werrieta tiegħu:

> "*Al principio che non si puo allegare la propria turpitudine,* etiam ad heredes pertinet. *Quindi, gli eredi che allegano la turpitudine del testatore* propriam censentur allegasse.[6]"

31. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li la aċċettaw il-wirt ta' missierhom, il-konvenuti ma jistgħux jattakkaw il-volontà tiegħu, lanqas dak li għamel matul ħajtu, lanqas billi jilbsu l-kappell ta' werrieta ta' ommhom.

---

[5] Francesco Ferrara, *Teoria del Negozio Illecito nel Diritto Civile Italiano* (1902), paġna 291.
[6] Argument tal-awtur medjevali Stryck fl-opra tiegħu *Disputatio XVII De allegazione propriae turpitudinis – disputatio speciale sull'argomento* mislut mil-L.5 Cod VII iċċitat minn Francesco Ferrara, *Teoria del Negozio Illecito nel Diritto Civile Italiano* (1902), paġna 285.

***Decide***

32. Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiċħad l-aggravji tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjeż tal-Prim'Istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti; spejjeż tal-appell prinċipali a kariku tal-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da